MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2005

Appell Civili Numru. 148/2003/1

**Pace Associates Limited**

**vs**

**Drawing Techniques Limited**

**Il-Qorti,**

Fit-13 ta’ April, 2005, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex dik konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess socjeta attrici s-somma ta’ Lm2295 (elfejn u mitejn u hamsa u disghin lira Maltin) liema somma tirraprezenta merkanzija mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta konvenuta fuq ordnijiet taghha

stess u liema somma hija certa, likwida u dovuta. Bl-ispejjez inkluzi dawk l-ittra ufficjali datata 3 ta' Frar 2003 u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess socjeta konvenuta (fol 4 tal-atti) u li biha eccepiet bir-rispett:-

1. Preliminarjament l-azzjoni hija perenta in forza ta l-Artikoli 2148(b) tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta).
2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi, f'din il-kawza, giet sottomessa mis-socjeta konvenuta, <u>eccezzjoni wahda</u>, biss kif hemm fuq citata.

Illi din l-eccezzjoni hi basata fuq l-artikolu 2148(b) hawn fuq imsemmi u li jghid illi l-azzjonijiet ta' kreduri ghall-bejgh ta' merkanzija u oggetti mobili ohra mibjugha bl-imnut huma preskritti meta jghaddu tmintax-il xahar.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-fatti in esami, kif risultanti mill-provi prodotti, <u>Timothy Valletta</u> prodott mis-socjeta konvenuta (fol 12 u fol 24 et seq ibid) xehed bhal direttur ta' din is-socjeta illi din fl-1995 kienet akkwistat b'titolu ta' kirja minghajd is-socjeta attrici hanut bl-isem ta' PAL fil-Hamrun, liema akkwist kien jinkludi ukoll ix-xiri tal-'stock' li kien jinsab fl-istess hanut. Difatti x-xhud jikkontendi illi "Filfatt, l-ammont pretiz fl-avviz jirreferi ghall-'stock' li kien hemm fil-hanut meta (s-socjeta konvenuta) kienet xtrat l-istess hanut u mhux ghal xi merkanzija konsenjata wara. B'referenza ghall-istess ftehim, li kien sar bil-miktub, ix-xhud jsostni ukoll illi "… kien hemm "dispute" cjoe dwar il-valur tal-"stock" bejn il-partijiet". Inoltre l-ewwel ittra li

kienet intbaghtet lis-socjeta konvenuta dwar il-kaz in esami kien matul "is-sena li ghaddiet" cjoe fl-2003. In kontroesami, l-istess xhud spjega illi l-hanut in kwistjoni kien baqa' mikri ghand is-socjeta' konvenuta sal-2002 u matul dan il-perjodu kollu tal-istess kirja, is-socjeta konvenuta kienet tixtri "stock" minghand dik attrici u wara li jaghddi certu perjodu ta' zmien, kien jsir il-hlas. In konnessjoni ma dan, kien hemm, vigenti ukoll bejn l-istess partijiet sistema ta' "barter". Ghalhekk, is-socjeta konvenuta kienet thallas kemm fi flus kontanti kemm b'din is-sistema ta' 'barter.

Illi da parti tas-socjeta attrici giet prodotta Louise Grech (fol 15 et seq ibid) li ikkonfermat illi matul 1995, is-socjeta rappresentata minnha kienet kriet lil dik konvenuta l-hanut in kwistjoni 'bl-'stock' go fih". Sussegwentement, l-istess partijiet kienu jixtru minghand xulxin merkanzija u difatti "l-ammont pretiz …. jirreferi ghall-'invoices' tul il-perjodu ta' kirja tal-hanut". Dwar il-pagamenti li kienu jsiru bejn l-istess partijiet, ix-xhud spejgat li kien hemm topera bejniethom sistema ta' "set offs" permezz ta 'oggetti mobili u "Fil fatt, pagamenti fi flus kontanti ma kien isir xejn bejnietna". In rigward il-premess ix-xhud esebiet ukoll erba' dokumenti (fol 18 sa fol 21 tal-atti) u markati minn PAL 01 sa PAL 04 konsistenti fi prospett in rigward l-ammont pretiz fl-avviz (fol 18 u fol 19) waqt li a fol 21 jinsab il-valur tal-"stock" li kien jinsab fil-hanut in kwistjoni meta dan gie mikri mis-socjeta konvenuta u li dwaru jidher li kien hemm kontestazzjoni dwar valuri.

Ikkunsidrat

Illi b'referenza ghall-unika eccezzjoni kif proposta mis-socjeta konvenuta, kif di gja inghad, l-artikolu hemm fuq citat jirreferi ghal bejgh bl-imnut. Fil-kaz in desamina, l-Qorti hi tal-fehma li dan l-artikolu ma hux applikabbli ghal dan il-kaz in vista li involuti hemm zewg socjetajiet kummercjali, ossija zewg kummercjanti, illi kienu jbieghu lill-xulxin kwantita pjuttost konsiderevoli ta' oggetti sabiex dawn jinbieghu minnhom lil konsumaturi. L-istess Timothy Valletta a fol 25 tal-atti spjega, testwalment, "ahna, s'intendi konna nixtru l-"stock" minghand is-socjeta attrici

sabiex ahna nerghu nbieghuhom". A basi ta' dan, jidher evidenti li dan il-kaz trattasi ta' bejgh bl-ingrossa u mhux bejgh bl-imnut u ghalhekk l-artikolu citat ma hux appikabbli u b'hekk din l-eccezzjoni trid tigi respinta.

Ikkunsidrat

Illi, kif jidher mill-istess nota ta' eccezzjonijiet sottomesa mis-socjeta konvenuta, din kienet l-unika eccezzjoni sottoposta ghall-esami ta' din il-Qorti kemm ta' natura preliminari kemm fil-meritu u ghalhekk din il-Qorti ser tiddeciedi, hawnhekk l-istess meritu billi takkolji t-talba attrici.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif sottomessa mis-socjeta konvenuta, tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna s-socjeta konvenuta sabiex thallas lil dik attrici s-somma ta' Lm2295 bl-imghax legali mill-25 ta' Ottubru 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra ufficjali tat-3 ta' Frar 2003."

Is-socjeta` konvenuta tillanja kontra din is-sentenza fuq zewg livelli, il-wiehed procedurali, u l-iehor dwar l-applikabilita` tal-preskrizzjoni qasira ta' tmintax-il xahar sollevata minnha u li giet mill-ewwel Qorti michuda. Koncizament, l-aggravji taghha huma dawn:-

(1) Is-sentenza moghtija hi rrita u nulla ghaliex il-Qorti ta' l-ewwel grad iddecediet kemm l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni kif ukoll il-meritu. F' dan l-istess kuntest tissottometti wkoll li gie lez lilha d-dritt fundamentali tal-gustizzja naturali "*audi alteram partem*" billi ma gietx moghtija l-opportunita` li tressaq ix-xhieda taghha dwar il-meritu;

(2) In-natura tan-negozju bejn il-kontendenti kien wiehed ta' bejgh bl-imnut ghal liema japplika d-dispost ta' l-Artikolu 2148 (b) tal-Kodici Civili minnha sollevat. Hi ssostni li l-ammont mitlub jirreferi ghall-*stock* minnha

mixtri fl-1995 meta hadet il-kirja tal-hanut fil-Hamrun minghand is-socjeta` attrici;

Oltre is-suesposti aggravji, is-socjeta` appellanti ssollevat issa, in sede appell, b' opposizzjoni ghall-pretensjoni tas-socjeta` attrici appellata, l-estinzjoni ta' l-azzjoni bid-dekorriment ta' hames snin, a tenur ta' l-Artikolu 2156 (f) tal-Kapitolu 16;

B' introduzzjoni ghall-ezami u decizjoni ta' l-ewwel aggravju jigi qabel xejn notat illi skond kif provvdut fl-Artikolu 728 (1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 731, "l-eccezzjonijiet kollha, sew jekk dilatorji jew dwar il-meritu ghandhom jinghataw fin-nota ta' l-eccezzjonijiet jew fir-risposta skond il-kaz. Dawk l-eccezzjonijiet li jolqtu l-meritu ghandhom jinghataw bla hsara ta' dawn l-eccezzjonijiet dilatorji." Jissokta jinghad fis-subinciz (2) tal-precitat Artikolu 728 illi "ebda eccezzjoni ohra ma tista' tinghata f' waqt iehor tal-kawza". L-unika deroga hi dik fejn il-Qorti tkun sodisfatta li jezistu ragunijiet ohra fin-nota jew fir-risposta;

L-imsemmija provvedimenti tal-ligi gew approfonditi sew fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell in re "**John Mary Vella *et* -vs- Winston Azzopardi *nomine***", 6 ta' Ottubru 1999, ghal liema konsiderazzjonijiet fiha kontenuti qed issir pjena referenza. Brevement, minnhom jitnissel illi n-nota ta' l-eccezzjonijiet, oltre li kellha ssir fil-forma preskritta mil-ligi u bil-partikolaritajiet dettati mill-Artikolu 158 tal-Kapitolu 12, kellha tassattivament issegwi r-regola normativa kontenuta fl-Artikolu 728 (1). Li jfisser li min ikun imsejjah f' gudizzju u jrid jikkontesta t-talba ghandu fiz-zmien utli stabbilit jipprezenta nota li fiha jkunu migbura l-eccezzjonijiet tieghu "kollha", sew dilatorji, sew dwar il-meritu;

Kif saput, il-procedura hi ligi ta' ordni pubbliku u, allura, jekk il-provvediment tal-ligi jipreskrivi certu konvenzjonizmu, kemm ta' forma jew ta' kontenut, mhix ammessa interpretazzjoni ohra hlief dik letterali, u hi din li ghandha tigi osservata u segwita;

Fil-kaz prezenti l-unika eccezzjoni ntavolata mis-socjeta` appellanti kienet dik tal-preskrizzjoni ta' l-azzjoni ai termini ta' l-Artikolu 2148 (b) tal-Kodici Civili. Ma ressqet ebda eccezzjoni ohra, lanqas wahda fil-meritu. Kienet dik biss dwar il-preskrizzjoni l-uniku mezz ta' difiza mressqa mis-socjeta` konvenuta, u l-gudikant gie imsejjah biex jezamina u jivvaluta dik biss. Haga naturali, biex iddecediet dik il-preskrizzjoni l-ewwel Qorti investiet anke il-meritu, kif del resto kellha kull dritt taghmel in forza tas-setgha diskretiva lilha akkordata bl-Artikolu 729, Kapitolu 12. B' danakollu, jekk ebda eccezzjoni ohra ma tressqet, l-agir ta' l-ewwel Qorti, meta ghaddiet biex tippronunzja ruhha dwar il-meritu, u skartata l-unika eccezzjoni tal-preskrizzjoni, ma jistax jitqies censurabbli;

Fl-istess kuntest ta' l-ewwel aggravju taghha s-socjeta` appellanti stiednet lil din il-Qorti biex din tirrivendikalha l-principju tal-gustizzja naturali "*audi alteram partem*". Issa anke jekk, kif pacifikament rikonoxxut, dan il-principju jaghti poter lil kull qorti u tribunal li tirrimedja ghal sitwazzjoni ta' vjolazzjoni tad-dritt baziku ghal smigh xieraq (ara, ad ezempju, **Kollez. Vol. XXXIII P I p 648** u **Vol. XLVIII P I p 509**), u dan b' aggunta mas-salvagwardi normattivi l-ohra tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, ma jidherx li huwa konsentit f' dan il-kaz lis-socjeta` appellanti tirrikorri ghall-principju suddett meta hi, b' att volontarju taghha stess, naqset li tosserva skrupolozament id-dispost ta' l-Artikolu 728, aktar 'il fuq riprodott. Kif jinsab elokwentement osservat fis-sentenza fl-ismijiet "**Joseph Debono *et* -vs- Dottoressa Irene Condachi**", Appell, 27 ta' Gunju 1955 (**Kollez. Vol. XXXIX P I p 394**), "biex jirnexxu f' din l-azzjoni taghhom, l-appellanti jridu jippruvaw li huma gew privati milli jigu mismugha, u li sofrew dik il-privazzjoni

ingustament, jigifieri mhux bi htija lilhom addebitabbli, ghaliex f' dan il-kaz tissubentra l-applikazzjoni tal-principju '*qui culpa sua damnum sentit non videtur damnum sentire*'";

In raguni ghal konsiderazzjonijiet kollha suesposti l-ewwel aggravju qed jigi michud;

Riferibilment ghall-aggravji l-ohra relattivi ghall-preskrizzjoni din il-Qorti jidhrilha li, ghal skop ta' ezami aktar approfondit, ikun opportun jekk iz-zewg preskrizzjonijiet – Artikolu 2148 (b) u Artikolu 2156 (f) – jigu kkonsidrati flimkien. L-ewwel Qorti dan l-ezercizzju ma ghamlitux ghax ma gietx sollevata quddiemha l-preskrizzjoni taht l-ahhar provvediment imsemmi. Certament, anke jekk din ma tqajmetx f' dak l-istadju hadd ma jinnega illi tali eccezzjoni setghet dejjem mis-socjeta` appellanti tigi sollevata f' din is-sede ta' l-appell. (Ara Artikolu 2113, Kodici Civili; "**Paul Balzan *nomine* -vs- John A. Scicluna *nomine***", Appell, 3 ta' Dicembru 1999). Dan dejjem salv s' intendi l-kwestjoni dwar il-kap ta' l-ispejjez. Vide **Kollez. Vol. XXXIV P I p 329**;

Skond l-Artikolu 2955 (5) tal-Kodici Civili Taljan jippreskrivu ruhhom b' gheluq sena d-drittijiet "*dei commercianti, per il prezzo della merce vendute <u>a chi non ne fa commercio</u>*". Jidher li f' dan il-ligi taghna ma segwietx dik Taljana in kwantu tirreferi biss ghall-bejgh "bl-imnut". L-istess ligi taghna ma taghmelx distinzjoni bejn bejgh bl-imnut u bejgh bl-ingrossa imma jidher, imbaghad, li din id-distinzjoni giet supplimentata mill-gurisprudenza taghna;

Fl-ewwel lok jinsab ritenut illi fil-kaz ta' bejgh "bl-imnut" huma kontemplati dawk kollha, kummercjanti jew le, li jbieghu oggetti ta' konsum gjornaljier, tant lil min hu kummercjant kemm lil min mhux. (Ara **Kollez. Vol. XLV P III p 813**). Dan ifisser li fl-Artikolu 2148 (b) il-ligi taghna tipprexxindi mill-kwalita` tal-persuni u anzi ma tharesx lejn

dik li tista' tkun abitwalment il-professjoni tan-negozjant imma thares lejn il-vendita partikulari in kwestjoni *per se* (**Kollez. Vol. XLVIII P II p 959**);

L-istess gurisprudenza tistabbilixxi mbaghad il-kriterju distintiv fundamentali bejn bejgh bl-imnut u bejgh bl-ingrossa billi tafferma illi fejn il-prezz reklamat huwa ghall-merce destinata biex dik tigi rivenduta jew manifatturata f' opra (**Kollez. Vol. XXIII P I p 909**) jew fejn wiehed ibiegh lil persuni li jinnegozjaw fil-merce mibjugha u dan fi kwantita apprezzabbli, allura l-bejgh hu wiehed bl-ingrossa ("**Giuseppe Borg -vs- Dr. Giovanni Bonello *et nomine et***", Appell Civili, 22 ta' Gunju 1970). Ghalhekk il-grossista "*vende per lo piu` a coloro i quali commerciano della cosa comprata*" mentri l-imnutant "*vende per lo piu` a compratori e in piccole quantita misurata al bisogno di costoro*" (Vol. XXI P III p **235**). Fl-ewwel kaz il-kreditu hu soggett ghall-preskrizzjoni kwinkwennali stabbilita` fl-Artikolu 2156 (f), fil-kaz tat-tieni, ghall-preskizzjoni ta' tmintax-il xahar kif provvdut fl-Artikolu 2148 (b);

Fil-kaz in ezami jirrizulta mix-xhieda, kif ukoll mill-*invoices* (fol. 18 sa fol. 21), illi kien hemm operazzjoni kummercjali kontinwa bejn iz-zewg socjetajiet kontendenti. Mill-provi akkwiziti (ara deposizzjoni ta' Louise Grech, fol. 65, u l-accettazzjoni ta' Timothy Valletta ghas-socjeta` konvenuta, fol. 24) jirrizulta wkoll li bejn l-istess socjetajiet kien hemm speci ta' kont kurrent bejn zewg kummercjanti li jixtru minghand, jew ibieghu lil, xulxin. Huwa eskluz in fatti illi l-kontrattazzjoni kienet wahda semplici ta' kompravendita. Tenut kont tal-principji fuq affermati din il-Qorti, bhal qorti inferjuri qabilha, hi wkoll tal-fehma illi l-kreditu pretiz ma huwiex ghall-bjegh ta' oggetti bl-imnut u ghalhekk dan igib li l-preskrizzjoni eccepita taht l-Artikolu 2148 (b) mhix applikabbli. Kif kellha okkazjoni tesprimi ruhha l-Qorti ta' l-Appell Kummercjali fil-kawza "**Adrian Strickland *nomine* -vs- Anthony Sammut**", deciza fit-3 ta' Gunju 1975, "Jigi hawn rilevat illi n-natura ta' bejgh bl-ingrossa ma tikkonvertix ruhha f' bejgh bl-imnut minhabba l-fatt li l-konsenja ta' l-oggetti ma ssirx f' daqqa, imma

huwa n-negozju globali li jiddetermina taht liema kategorija ghandu jigi klassfikat il-bejgh". Ghamlet sewwa ghalhekk l-ewwel Qorti li skartat l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sottomessa lilha;

Kif gja rilevat, issa f' din is-sede s-socjeta` appellanti qed tinvoka l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali fl-ambitu ta' l-Artikolu 2156 (f). Issa filwaqt li hu accettat li din il-preskrizzjoni hi dik idonea ghax-xorta ta' bejgh in ispecje ma jidherx, imbaghad, fuq il-fatti akkwiziti, illi din il-preskrizzjoni tista' tirnexxi. Dan ghar-raguni illi in presenza tal-kont kurrent ezistenti bejn il-partijiet, il-fatt tal-hlasijiet akkont sija jekk *in natura* jew bi flus kontanti (ara xhieda u *invoices* esebiti) li jidher li baqghu ghaddejjin sas-sena 2002, jezistu cirkustanzi assodati li jimmanifestaw dak ir-rikonoxximent tali li jservi ghall-interruzzjoni ta' l-istess preskrizzjoni (Artikolu 2134, Kodici Civili). Jinsab enuncjat li "dan ir-rikonoxximent jista' jkun prezunt jew indirett" ( **Kollez. Vol. XLIII P II p 744**) u jista' jkun jirrigwarda wkoll kreditu illikwidu (**Kollez. Vol. XXXIV P III p 742**);

F' dan il-kaz Timothy Vella ir-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta, jghid li ma kienx hemm qbil dwar il-valur ta' l-i*stock*. Anke hawn pero` ta' min josserva illi "fejn id-debitur ma jichadx id-dejn imma semplicement jikkontesta l-*quantum* ta' l-ammont dovut, allegat mill-kreditur, id-debitur ikun qieghed jinterrompi u tacitament jirrinunzja ghall-preskrizzjoni li tkun qed tiddekorri". Ara sentenza fl-ismijiet "**Victor Calleja *nomine* -vs- Nazzareno Vassallo *et nomine***", Appell, 5 ta' Ottubru 1998 u d-decizjonijiet fiha riferenzjati;

Anke allura ghal din ir-raguni l-preskrizzjoni sollevata mis-socjeta` appellanti fl-istadju ta' l-appell qed tigi rigettata.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tichad l-appell interpost u b' hekk tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez anke ta' din l-istanza kontra s-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------